MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2015

Numru. 551/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Javonich Gatt**

**Kumpilazzjoni Numru: 551/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Janovich Gatt ta' 18 -il sena, iben Jesmond u Michelle xebba Bugeja, mwieled ġewwa l-Pieta', nhar it-30 ta' Gunju, 1997 u residenti gewwa Numru 29, Triq Hal-Qormi, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 262497(M).

Akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn it-18 u id-19 ta' Gunju, 2015:

1. b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda bil-ħsieb li jagħmel delitt li ma ġiex ezegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill- volonta tiegħu, ta` bidu għall- ezekkuzjoni sabiex jikkommeti serq mill- fond 89, Energy Projects, Triq il- Kanun, Santa Venera liema serq huwa aggravat bil- mezz u bil- ħin u bil-valur;

2. b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli, liema ħsara ma tiskorrix mitejn u hamsin ewro (€250) izda tiskorri tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u dan ġewwa l-fond 89, Energy Projects, Triq il- Kanun Santa Venera u għad-dannu ta` Rita Falzon detentrici tal- karta tal- identita` bin-numru 259565M.

U aktar nhar id-09 ta` Lulju, 2015 għall-habta tas- 02:20 ta` filgħodu u fil-ħinijiet ta` qabel:

3. b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda bil-hsieb li jaghmel delitt li ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu, ta` bidu ghall- ezekkuzzjoni sabiex

jikkommeti serq mill- fond Maxims Pastizzeria, Triq il- Kappillan Mifsud, Hamrun, liema serq huwa aggravat bil- mezz u bil- hin.

4. b’diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2500) izda tiskorri il- mitejn u hamsin ewro (€250) u dan ġewwa l-fond Maxims Pastizzeria, Triq il- Kappillan Mifsud, Hamrun u ghad-dannu ta` Clinton Borg detenur tal- karta tal- identita` bin-numru 351684M.;

5. u aktar talli fl-istess dati, lok, hin u ċirkostanzi kiser il-provedimenti ta’ l-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta b’sentenza mogħtija lilu fis-26 ta’ Gunju, 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta (Maġistrat Dr. S. Demicoli LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba li fkaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-ahhar wahda dwar recidiva, u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjal prosekutur irtira din l-ahhar imputazzjoni dwar recidiva stante li ma tistax tirrizulta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semeght it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-ahhar wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-ahhar imputazzjoni (dik dwar recidiva) giet irtirata; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-eta ta' l-imputat.

Illi dwar il-piena l-Qorti ma tistax ma tosservax li ghalkemm l-imputat ghad ghandu tmintax il-sena diga inghataw xi sentenzi fil-konfront tieghu u l-Qorti poggietu taht ordni ta' probation. Jidher li sa' llum l-opportunita li l-Qorti tat lill-imputat ma wasslet imkien; il-Qorti pero hija disposta taghti lill-imputat l-ahhar opportunita biex jiehu l-passi necessarji biex jirriabilita lilu nnifsu b'l-intendiment car li dan ser ikun l-ahhar cans li qed jinghata lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat (dik dwar recidiva), wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax il-

xahar. In oltre qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fis-26 ta' Gunju, 2013 u ghalihom tpogga taht ordni ta' probation.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi ziem tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------